MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 280/2007

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C D, illum E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet it-tifla F fl-1 ta' Marzu 1999; illi fl-atti tal-medjazzjoni nghata digriet provvizorju li permezz tieghu l-partijiet gew akkordati kura u kustodja kongunta tal-minuri, filwaqt li t-tifla kellha tghix ma' l-omm, b' access favur il-missier li minn naha tieghu kellu jhallas lill-attrici manteniment ghat-tifla; illi dan id-digriet gie revokat, b' digriet provvizorju ulterjuri li permezz tieghu l-kura u kustodja tal-minuri giet akkordata esklussivament lill-attur li mieghu kellha tibda

tghix il-minuri, filwaqt li accordat access favur l-omm, ukoll giet revokata l-ordni tal-hlas da parti tieghu tal-manteniment ghat-tifla; illi wara dan id-digriet, il-konvenut ma ezercitatx l-access ghal certu zmien, izda f' daqqa wahda riedet tenforza id-dritt ta' access favur taghha; illi l-access wiesgha akkordat favur l-omm imur kontra l-interess tal-minuri; illi in bazi ghall-premess, l-attur qed jitlob li tigi akkordata lilu defenittivament il-kura u kustodja tat-tifla, u jinghataw provvedimenti fl-interess ta' l-istess minuri dwar l-access ta' l-omm;

Rat ir-risposta guramentat li biha l-konvenut eccepiet: illi l-attur mhux qed jottempora ruhu mad-digriet tal-Qorti peress li l-minuri giet konsenjata lill-konvenuta darba biss, u bl-intervent tal-Marixxall u tal-pulizija; illi r-rapport ex parte tal-Psikologa Denise Borg sar fi zmien u cirkostanzi differenti u "issa hu skadut"; illi l-attur qed jimminaccja t-tifla biex ma tmurx ghand ommha, u li t-tifla "tifrah hafna kull meta tiltaqa' ma' ommha";

Rat ir-rapporti ex parte tal-Psikologa Denise Borg[1]; kif ukoll ir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut nominata espert gudizzjarju, debitament mahluf;

Rat id-digriet provvizorju[2] moghti fit-30 ta' Jannar 2008 li permezz tieghu din il-Qorti fl-interess tal-minuri, issospendiet l-access favur l-omm;

Rat id-digriet provvizorju[3] moghti fit-12 ta' Frar 2008 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat li l-access favur l-omm ma jkunx fir-residenza taghha, u li matul l-access taghha l-omm ghandha dejjem tkun akkumpanjata minn hu t-tifla;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet il-minuri kameralment;

---

[1] Fols.27 *et seq*. rapport datat 7 Frar 2007, u fols.31 *et seq*. datat 7 Marzu 2007
[2] Fol.17
[3] Fol.58

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti takkordalu l-kura u kustodja ta' F, it-tifla komuni tal-partijiet; kif ukoll sabiex din il-Qorti taghti provvedimenti fl-interess tal-minuri dwar l-access favur il-konvenuta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni bejn il-partijiet, twieldet it-tifla F fl-1 ta' Marzu 1999. Sussegwentement, il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, u t-tifla kienet baqghet tghix ghand il-konvenuta, b' access favur il-missier li kien ukoll gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' LM120 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla.

Fis-sena 2003 il-partijiet tlewmu dwar it-tifla, li allura kellha erba' snin, bir-rizutlat li din bdiet tghix ma' l-attur u n-nanna paterna, b' access wiesgha favur l-omm, li l-modalita' tieghu kienet giet stabbilita mill-Qorti fis-segwenti granet: kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis u, kull nhar ta' Sibt.

Illi dan il-kambjament irrizulta trawmatiku ghall-minuri, konsegwenza li dina kienet bdiet tirrifjuta li tmur ghand ommha ghall-access, ghax kienet hassitha abbandunata minnha, u s-sitwazzjoni kompliet taggrava meta ommha kellha tifla ohra minn ragel iehor, sussegwenti ghall-attur.

Illi l-pozizzjoni fil-prezent hija li t-tifla ma tridx tmur ghand il-konvenuta ghall-access, u din minn naha taghha qeda tmur tara lit-tifla fejn ir-residenza taghha.

*Verzjoni Attur*
L-attur jispjega illi fis-sena 2001 huma tterminaw ir-relazzjoni bejniethom u t-tifla kompliet tghix mal-konvenuta, u t-tifel taghha Franco minn zwieg precedenti. Izda fis-sena 2003 il-konvenuta bdiet tinsisti fuq awment fil-manteniment li kellu jhallas l-attur ghal bintu, minn LM120 ghal LM150. Wara li l-attur infurmaha li hu ma setghax ihallas dak l-ammont "ftit wara, kienet gabitli t-tifla l-garage fejn kont nahdem u halliethieli hemm." Jghid li

minn dak iz-zmien ‘il quddiem, it-tifla, li f’ dak iz-zmien kellha erba’ snin, baqghet tghix mieghu,u man-nanna materna meta hu jkun xoghol.

Jghid li l-komportament tal-konvenuta kien wegga’ hafna lit-tifla, bir-rizultat li din bdiet tirrifjuta li tmur ghandha ghall-access, ghax kienet hassitha abbandunata minn ommha, izjed u izjed meta dina kienet zammet jghix maghha lil huha. Is-sitwazzjoni aggravat meta t-tifla skopriet li l-konvenuta harget tqila minn ragel iehor, u kellha tifla ohra li kienet zammet ukoll tghix maghha.

L-attur jrrakkonta okkazzjoni li fiha t-tifla kienet giet sfurzata li tmur ghand ommha ghall-access. Wara dak li sehh f’ din l-okkazzjoni l-access favur l-omm beda jsir billi minflok tmur it-tifla ghandha, kienet tmur il-konvenuta fejn ir-residenza ta’ l-attur. “B’ dan il-mod C kellha access kull meta riedet.”[4]

Jghid li, peress li t-tifla kienet bdiet sejra lura, huwa kien hadha ghand il-Psikologa Denise Borg biex tghin lit-tifla.

*Verzjoni Konvenuta*
Illi l-konvenuta tichad l-allegazzjoni maghmula mill-attur, li l-kwistjoni qamet minhabba zieda mitluba minnha fil-manteniment tat-tifla. Hija tispjega li f’ dak iz-zmien, kienet ghaddejja minn dipressjoni “gravi” li kienet irrendietha nkapaci li tiehu hsieb it-tifla, u ghalhekk per necessita’ kellha tafda lit-tifla f’ idejn l-attur. Hija qatt ma kecciet lil bintha.

Hija ssostni li mhuwiex minnu li t-tifla ma tridx tara lil ommha, u tispjega l-komportament negattiv li ghandha t-tifla fil-konfront taghha, billi tghid li din tinsab mhedda minn missierha, u li t-tifla tibza’ minn missierha. Tghid li meta hi tmur biex tara lit-tifla, dina tiehu pjacir biha u b’ hutha.

[4] Fol.65

Il-konvenuta tghid li hi tixtieq li t-tifla tigi tghix ma’ hutha fid-dar fejn qed tghix hi; izda ma tridx titfa’ piz eccessiv fuqha “u nixtieq li t-tifla taghzel hi.”[5]

**Il-Psikologi**

Illi kemm il-psikologa inkarigata ex parte mill-attur, kif ukoll il-psikologa nominata espert minn din il-Qorti, jaqblu li t-tifla tinsab imwegga’ hafna bil-fatt li ommha kienet hallietha ghand missierha, u hi ma setghet tghix aktar maghha. It-tifla hassitha abbandunata minn ommha, u ddispjacuta wkoll li ma setghetx tara lil huha bhala qabel. Is-sitwazzjoni aggravat bit-twelid ta’ tifla ohra minn ommha, liema tifla, flimkien ma’ huha, baqghu jghixu ma’ l-omm.

Iz-zewg psikologi kkonfermaw li t-tifla ghandha rabja kbira fil-konfront ta’ ommha, u li ma jkunx ta’ gid ghat-tifla li dina tigi mgieghla taghmel dak li ma tridx, u cioe’ li tmur ghand ommha ghall-access.

L-espert psikologa tosserva li “il-missier jidher li aktar qieghed f’ pozizzjoni li jifhem lil F. Jidher li qed jipprova jhalliha libera li taghzel hi x’ tip ta’ relazzjoni jkollha ma ommha. Jidher ukoll li huwa l-persuna li joffri l-aktar sens ta’ sikurta’ u protezzjoni lil F.”[6] Tghid ukoll li “Fl-istat ta’ anzjeta’ li qeda l-minuri, xi tibdil fl-arrangamenti li bhalissa hemm dwarha, u dwar il-kuntant li ghandha mal-genituri taghha’ tista taffettwaha hazin.” u rrakkomandat li “ghajnuna psikologika ghall-minuri fuq livell individwali.” Tirrakkomanda wkoll li l-minuri tiltaqa’ ma’ huha b’ mod regolari, f’ post newtrali.

Din l-espert eskludiet kategorikament li l-agir tat-tifla huwa frott ta’ theddid, jew influwenza ndebita, da parti ta’ l-attur fuq it-tifla.[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenuta ssostni li hija kienet halliet lit-tifla ghand l-attur minhabba li hi kellha

[5] Fol.98
[6] Fol.52
[7] Dep. fols.70 *et seq.*

“dipressjoni gravi” hija ma pprezentat ebda certifikat mediku jew xi prova ohra in sostenn ta’ din l-allegazzjoni ntiza sabiex tirribatti l-verzjoni ta’ l-attur li r-raguni vera kienet wahda ta’ natura finanzjarja.

Izda, irrispettivament mir-raguni vera ghal dan it-trasferiment tat-tifla mill-omm ghall-missier, il-fatt provat hu li dina kienet esperjenza trawmatika hafna ghall-minuri, li f’ dak iz-zmien kellha erba’ snin u llum ghandha 11-il sena, u halliet fil-minuri l-impressjoni soda li hija kienet giet abbandunata minn ommha, liema hsieb kompla jigi fortifikat fit-tifla bil-fatt li huha baqa’ jghix ma’ ommha li wkoll kellha tghix maghha t-tarbija li twieldet sussegwentement. Dan il-fatt jinsab assodat, u konfermat, kemm mill-psikologi li ezaminaw it-tifla, kemm minn din il-Qorti direttament li semghet lit-tifla kameralment, kif ukoll mill-kontenut tad-dokument Z1 fol.87 li zgur ma jhalli ebda dubju tal-fatt li t-tifla ghadha ma tridx tmur ghall-access ghandh ommha.

Illi in tema legali jigi osservat li l-interessi tal-minuri <u>jipprevalu</u> fuq dawk tal-genituri; u, f’ dan il-kaz l-interessi tat-tifla jiddettaw li dina tibqa’ tghix fl-istat quo prezenti, cioe’ li tibqa’ tghix ma’ missierha, bl-ghajnuna tan-nanna paterna li maghha t-tifla ghandha rabta qawwija, filwaqt li l-omm ikollha access ghal minuri fejn ir-residenza tal-minuri;  kif ukoll, li matul l-access, l-omm ghandha tiehu maghha hut it-tifla biex din tirrelata maghhom.

Il-Qorti tilqa’ bhala opportuna r-rakkomandazzjoni maghmula mill-psikologi, fis-sens li t-tifla tattendi ghal sessjonijiet terapewtici, sabiex din tigi mghejjuna tissupera l-effett negattiv tat-trawma li sofriet meta kellha erba’ snin, u ttejjeb ir-relazzjoni bejnha u bejn ommha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F f’ idejn missierha, l-

attur; filwaqt li tordna li l-istess attur, jiehu lit-tifla ghal sessjonijiet ta’ terapija ghand psikologa maghzula minnu, u li l-ispejjez ta’ din it-terapija ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, tenut kont ukoll tal-fatt li din it-terapija hija primarjament fl-interess tal-minuri.

Illi rebus sic stantibus, l-access favur l-omm ikun ta’ mhux anqas minn jumejn fil-gimgha, u gurnata tas-Sibt fi granet u hin konkordat, ta’ mhux anqas minn siegha kull darba; u li matul l-access il-konvenuta ghandha tiehu maghha lil hut it-tifla.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------